



Brussell, 18 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

14884/25

LIMITE

CORLX 1032  
CFSP/PESC 1573  
ELARG 119

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi  
fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894<sup>1</sup>.
- (2) Il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894. Fuq il-bażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu estiżi sat-30 ta' Novembru 2026, b'lista vojta.
- (3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/1894/oj>).

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 8, id-data "30 ta' Novembru 2025" tiġi sostitwita bi "30 ta' Novembru 2026";
- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi...,...

*Għall-Kunsill  
Il-President*

ANNES

"ANNES

LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI MSEMMIJA  
FL-ARTIKOLI 1 U 2"

---

